# Tifsir ta' xi kliem ieħor.

L-aħħar darba ktibt xi ħaġa fuq xi ismijiet ta' nħawi ta' Malta, li l-lum, kif jistemgħu, qishom ma jgħidu xejn, imma li dari kellhom it-tifsir tagħhom. Il-lum nagħti t-tifsir ta' xi kliem mexxej li juri kemm il-lsien Malti tal-lum hu xorta oħra minn dak li kienu jitkellmu il-Maltin ta' dari.

Xi tfisser il-kelma *bħal?* Hi magħmula minn żewġ kelmiet marbuta ma' xulxin: *bi ħâl,* li bil-Malti tal-lum kieku jgħidu *fi stât ta'*. Hekk, il-qawl: *Bħala bniedem* ifisser: 'fi stat ta' bniedem'; *Bħal dari* fi stât ta' dari; u l-bqija. Il-lum it-tifsira sewwa ta' *ħâl* intsiet, imma kienet tkun ħaġa tajba ħafna kieku tarġa' tixxittel f'għidut bħal dan: 'Għadirtu meta rajtu f'dak il-*ħâl*'; 'F'liema *ħâl* kellu jsib ruħu!'

Il-kelma *bebbux* m'hux għal kemm tgħid xi tfisser, għax f'ilsna oħra qraba tal-Malti ma tinsabx. Aktarx li hi t-taħsira tal-kliem: *Bu-kabbôx*, jiġifieri Bu-*barnus*, billi l-qoxra tiegħu hi għamla ta' barnus, jew Kabbôx, kif jgħidulha f'artijiet oħra fejn hu mitkellem is-Semi.

*Wirdien* ukoll hi kelma li ma tinsabx f'ilsna Semin oħra qraba tal-Malti. Aktarx li dan l-isem kien jingħata dari lil dik ix-xorta ta' ħanfus li l-lum jgħidulu żarżur jew werżieq. Bħalma ħaġa li tagħmel dejjem ħoss xorta waħda ngħidu li qiegħda *twerden*, hekk ukoll il-ħaġa nfisha li twerden hi wirdiena. Minn *werżaq* għandna '*werżieq*' mela minn *werden* għandu joħroġ l-isem wirdien. Issa l-werżieq jagħmel dejjem ħoss xorta waħda; mela l-isem ta' 'werdien' flok 'werżieq' joqgħodlu sewwa.

Il-kelma *gremxula* ukoll hi waħda minn dawk li ma jinsabux f'ilsna Semija oħra. Din tidher li hi l-għaqda flimkien ta' żewġ kelmiet: *gelem-agħula,* li tfisser *imqass tal-imsiebaħ.* Billi l-gremxula meta tinqabad tiftaħ ħalqha biex tigdem, u kull ma tagħtiha f'ħalqha taqbdu, tixbah lil xi għamla ta' mqass jew gelem li dari n-nies kienu jitfu l-ftejjel bih.

Tinsab ukoll il-kelma 'jixgħer,' li għoddha biddlet it-tifsir tagħha. *Jixher* dari tfisser: igħanni, jew jgħid xi taqbil b'leħen miksur. Għanja, jew poëżija, f'bosta ilsna Semija oħra qrab għal Malti, jgħidulha *xegħer.* Il-lum fil-Malti, tixher jiġifieri tgħid kliem waqt il-biki.

Hemm kliem ieħor ta' din ix-xorta, imma billi t-tifsir tiegħu tal-lum m'hux imbiegħed wisq mit-tifsir li kellu dari, ma noqgħod inġibu xejn.

L. C.